DRAMA FIL-KURRIKULU

## Niftakar

ANTON BUTTIGIEG (1912-1983)

Anton Buttigieg twieled il-Qala Għawdex. Għex għal ħafna snin il-Ħamrun ffl-inħawi fejn illum hemm monument iddedikat lilu, (il-Blata l-Bajda) iħares lejn Triq il-Kbira San Ġużepp.

Kien avukat, pulizija, ġurnalist, politiku u fl-aħħar, it-tieni President ta' Malta Repubblika.

Buttigieg iżżewweġ tliet darbiet. Lil:

- Carmen Bezzina, li minnha kellu tlett itfal u li mietet 7 xhur wara t-twelid tat-tielet tarbija.
- Connie Scicluna li tilifha 3 snin wara f'inċident tat-traffiku f'Londra.
- Margery Helen Patterson, Skoċċiża li Buttigieg iżżewwiġha meta kellu 63 sena.

*Daqq ta' qniepen ferrieħa.*
*Fuq l-iskrin close-ups mit-tieġ ta' Anton Buttigieg mal-ewwel mara tiegħu, Carmen. (sib stampa mill-Google).*
*Possibiltajiet oħra: ritratt /i mingħand Dr John Buttigieg, iben il-poeta.*

| | |
|---|---|
| **NARRATUR:** | Din, ħbieb, hi poeżija li taqleb mill-ferħ għan-niket. Bil-poeta jiftakar f'żewġ fażijiet mal-ewwel mara li ħabb.<br>X'tiftakar, poeta, x'tiftakar? |
| **IL-POETA:** | Niftakar tal-qniepen il-mota ferrieħa u l-Ave Maria ta' Schubert. |

*AUDIO: Biċċa mill-Ave Maria.*

**Il-POETA:** Niftakar il-mantar bajdani jkaxkar mal-korsija.

**IL-KOR:** Kollox, sabiħ, poeta;
Kollox poeżija
X'tiftakar aktar?

**IL-POETA:** Niftakar in-nies fil-bieb
u l-mistednin jiżfnu
l-*foxtrot,* it-tango u l-valtzer.

*AUDIO: Silta minn valz*

**IL-POETA:** Kejk twil bħal torri abjad.

**IL-KOR:** Il-kejk twil bħal torri abjad.

**IL-POETA:** U r-ross nieżel fuqna
fuq sbuħitna,
fuq imħabbitna.

**IL-POETA:** Imbagħad, bil-mod il-mod
il-ħbieb bdew telqin
u bqajna waħedna
flimkien
jien u int
u int u jien
ġo darna
għad-dawl tal-Madonna.

*VIŻIV U AWDJO: Fuq l-iskrin, wiċċ mixgħul tal-Madonna u fl-isfond, l-Ave Maria, din id-darba aktar fil-baxx.*

**IL-POETA:** U jien kollni tiegħek.

**IL-MARA:** U int kollok tiegħi.

**IL-KOR:** Bħal Eva u Adam
qalb waħda
nifs wieħed
bħal Adam u Eva.

**IL-POETA:** Hekk hu: f'ħolma ta' hena.

**NARRATUR:** Il-ħajja tatu bil-ħarta lil Anton Buttigieg. L-ewwel mara, Carmen, mietet ftit wara li twieldet it-tielet tarbija tagħhom.

**IL-KOR:** Ah x'ħasra! X'ħasra għall-poeta u x'ħasra għal omm li tmut daqshekk żagħżugħa.

**IL-KOR:** Imma għidilna, poeta, x'ġara aktar wara l-mewt tal-ewwel mara?

**IL-POETA:** Ippruvajt ninsa l-imrar kollu li ġabitli dik il-mewt. Ippruvajt ninsa l-qniepen newwieħa.

*VIŻIV: Fuq l-iskrin: oqbra.*

*L-istudenti jimitaw qniepen tan-niket.*

**IL-POETA:** Niftakar il-gandlieri.
Niftakar it-tfal iltiema,
mexjin wara t-tebut
Jgħidu l-Missierna u s-Sliema.

**TFAL:** Missierna li int fis-smewwiet
jitqaddes ismek
tiġi saltnatek…

**IL-POETA:** Niftakar l-ilbies iswed tal-qassis
u marti żagħżugħa
mimduda f'tebut.
Ix-xorok tal-qabar jinqalgħu

Il-qabar jitgħatta bil-ward.
Jien lura lejn id-dar
u xħin sar il-ħin,
telqu l-ħbieb u l-qraba
u bqajna f'darna
waħidna flimkien
jien u l-Baħħ
il-Baħħ u jien.

**IL-KOR:** (*b'leħen kiebi*) Jien nibki
Il-Baħħ jibki
Ħdejn sodda ta' tnejn
Mifruxa ta' xejn.

*(Irrepeti)*

**NARRATUR:** Minkejja t-tnalja ta' niket li ħakmet lil Buttigieg, għamel sforz kbir u rega' żżewweġ.

**IL-KOR:** Kif kellu kuraġġ?

**NARRATUR:** Ried jibqa' jisfida l-ħajja.
Daħal l-università, sar avukat, daħal għall-politika u spiċċa biex sar it-Tieni President ta' Malta Repubblika.

**IL-KOR:** Għidilna: mar aħjar fit-tieni żwieġ?

**NARRATUR:** Bilkemm temmnu, ħbieb.
Iżżewweġ lil Connie Scicluna imma tilifha tliet snin wara, f'inċident tat-traffiku, f'Londra.

**IL-KOR A:** Kemm taf tkun kattiva l-ħajja!

**IL-KOR B:** Kemm taf tkun kattiva!

**NARRATUR:** Buttigieg reġa' żżewweġ it-tielet darba meta kellu 63 sena, din id-darba lill-Iskoċċiża Margery Helen Patterson.

*(Ritratti tat-tieni u t-tielet mara jistgħu jkunu missellfa mingħand iben il-poeta, Dr John Buttigieg).*

**NARRATUR:** Anton Buttigieg twieled il-Qala, Għawdex fl-1912, iżda għex għal ħafna snin fil-Ħamrun, f'dar fi Strada Rjali. Fil-fatt, fil-Blata l-Bajda twaqqaflu momument, taħt siġra kbira, iħares lejn il-Ħamrun.

( *Viżiv: CLOSE UP tal-monument fil-Blata l-Bajda. Mill-Kunsill Lokali tal-Ħamrun, l-istudenti jistgħu jfitxxu materjal dwar il-monument).*

**NARRATUR:** Il-Ħamruniżi kienu jħobbuh ħafna, l-aktar il-partitarji tal-Każin ta' San Gejtanu, li tiegħu kien President.

**IL-KOR:** Buttigieg tan-Natura. Hekk tafu l-poeżija Maltija. Imma anki Buttigieg tal-versi tan-niket, tal-versi tal-eleġija.

TMIEM